# MINUTI

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali Ta' Sannat

# DISA' LEĠISLATURA

# Laqgħa Numru 43

29 ta' Awwissu, 2022

Il-Kunsilli Lokali Ta' Sannat ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz fi Triq Sannat, Ta' Sannat fis-1.35 ta' wara nofsinhar.

PREŻENTI:

Philip Vella – Sindku
Frances Galea – Viċi Sindku
Clayton Tewma – Kunsillier
Joseph Bajada – Kunsillier
Steven Gauci – Kunsillier

ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A(3):

Francesca Borg – Ambaxxatur taż-Żgħażagħ

ASSENTI

n/a

UFFIĊJAL PREŻENTI:

Jason Curmi – Segretarju Eżekuttiv

Aġenda Nru. 43

43.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji;
43.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti Nru. 42 – 9;
43.3 Komunikazzjoni mis-Sindku;
43.4 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri;
43.5 Komunikazzjoni;
43.6 Hruġ ta' offerti ġodda;
43.7 Attivitajiet Settembru – Diċembru 2022;
43.8 Ilmenti u Suġġerimenti;
43.9 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti 8/2022;
43.10 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss.

## Minuti

Is-Sindku ppresjeda l-laqgħa wara li ntqalet it-talba tal-bidu.

## 43.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji

43.1.1 Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-Kunsill li l-Viċi Sindku nfurmat lill-Kunsill li kienet se tiġi ftit tard minħabba mpenji tax-xogħol u li l-Ambaxxatriċi għaż-Żgħażagħ nfurmatu permezz ta' imejl li ma setgħetx tattendi minħabba mpenji personali. Il-Kunsill qabel ma dan.

## 43.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti Nru. 42 – 9

43.2.1 Il-Kunsill għadda mill-ewwel għal minuti tal-laqgħa preċedenti Nru. 42 – 9 li dawn kienu tqassmu minn qabel u għalhekk ittieħdu bħala moqrija. Fuq dawn ma kienx hemm emendi, b'hekk dawn il-Minuti ġew approvati unanimament mill-Kunsill preżenti, dawn ġew iffirmati mis-Sindku u mis-Segretarju Eżekuttiv.

## 43.3 Komunikazzjoni mis-Sindku

43.3.1 Is-Sindku għarraf lill-Kunsill dwar il-proġett ta' riġenerazzjoni fi Pjazza Santa Margerita li bħal ma jaf kulħadd it-traffiku ġie diverted kif kien spjegat fl-aħħar laqgħa minn Triq Cocco Palmieri, Triq il-Blat u Triq 28 ta' April 1688, il-Kunsill irċieva xi ilmenti biex isiru sinjali tat-traffiku Stop fl-art, biex b'hekk ma jkunx hemm periklu għas-sewwieqa. Sar traffic management tajjeb ħafna li qed jiġi osservat kemm mir-residenti kif ukoll minn kull min jiġi fil-lokalita'. Is-Sindku qal li r-residenti ta' parti minn Triq 28 ta' April 1688, parti minn Triq il-Blat u parti minn Triq l-Isqof Davide Cocco Palmeri ġew infurmati permezz ta' avviż biex minn nhar it-Tnejn 8 ta' Awwissu 2022 ma jsirx parkeġġ f'dawn it-toroq peress li Triq Sannat għal Pjazza se tkun magħluqa, għal dan il-għan deher ukoll avviż fuq il-Gazzetta tal-Gvern. Is-Sindku qal li r-residenti ta' dawn it-toroq mill-ewwel ġurnata kkoperaw u ta dan jirringrazzjhom. Bdew u għaddejin xogħolijiet ta' tħaffir għall-crossings tas-service culvert minn naħa ta' Triq Sannat għal man-naħa ta' Triq Ta' Ċenċ. Il-Kunsill talab lill-Kuntrattur biex dan ix-xogħol isir qabel ma terġa tibda l-iskola u b'hekk ma jkunx hemm periklu għat-tfal, b'hekk din il-parti tas-service culvert għandu jissaqaf sa dak inhar ta meta tibda l-iskola. Il-Kunsillier Bajada ġibed l-attenzjoni li fil-kantuniera mill-Pjazza għal Triq Dun Xand Aquilina qed isir parkeġġ li qed ikun ta' ostaklu kbir għat-traffiku. Il-Kunsill għandu jikteb lill-Transport Malta dwar dan biex isiru parking bays temporanjament. Is-Segretarju Eżekuttiv ġibed l-attenzjoni li anke quddiem il-Bank of Valletta qed isir il-parkeġġ meta dan qabel beda x-xogħol kien hemm il-Keep Clear. Is-Sindku qal li nstab blat iebes ħafna meta beda dan ix-xogħol.

43.3.2 Is-Sindku qal li l-Kunsill irċieva dawn il-kontijiet mill-laqgħa preċedenti l'hawn u li dawn se jintbagħtu lid-Direttur tal-EcoGozo ġa la darba se jiġu approvati mill-Kunsill. Dawn il-ħlasijiet huma:
Ing. Christian Cordini għal servizz ta' Project Manager għax-xahar ta' Ġunju 2022 €1260.00
Ing. Christian Cordini għal servizz ta' Project Manager għax-xahar ta' Lulju 2022 €1260.00

43.3.3 Is-Sindku qal li l-Kunsill Lokali ġie mitlub minn Kura fil-Komunita (AAKK) biex temporanjament għal żmien ta' xahar f'Settembru 2022 is-sala tal-Kunsill li tinsab fl-ewwel

sular tkun ta kenn għal dawk li jattendu f'dan iċ-Ċentru u tiġi mislufa u tintuża bħala Ċentru ta' matul il-jum mit-8.00 p.m. sal-4.00 p.m. għal persuni bid-dimensja li jattendu f'Dar Padova f' Għajnsielem. Is-Sindku qal li dan qed jintalab peress li qed isiru xi xogħolijiet ta' rinovazzjoni f'din id-dar. Dawn ovjament ġew jaraw din is-sala li ntgħoġbot. Is-Segretarju Eżekuttiv informa li għal dan il-għan irid isir ftehim mall-Kunsill. Is-Sindku qal li hu se jitlob laqgħa mall-Ministru l-Onor. JoEtienne Abela biex jara jekk hemmx il-possibilta li jinbena it-tieni sular fuq din il-binja biex b'hekk il-Kunsill ikun jista jkollu spazzju aktar biex ovjament jiġi użat f'diversi oqsma bħal ma dejjem sar u b'hekk il-Kunsill ma jkunx jista jitlef opportunitajiet bħal dawn. Il-Kunsillier Tewma staqsa jekk dan hux se jintalab il-fully funding għal dan il-għan, is-Sindku wieġeb li dak huwa l-iskop li jsir negozju bil-għaqal.

43.3.4 Is-Sindku nforma lill-Kunsill li bejn il-Ħadd 24 u t-Tnejn 25 ta' Lulju fl-aħħar ġurnata tal-festa fil-Ġnien tal-Bidwi sar att vandalu fejn il-Kunsill ġie nfurmat permezz ta' ħaddiema assenjati mall-Kunsill li l-fanali tal-passaġġ ta dan il-Ġnien ġew miksura. Il-Kunsill tkellem mall-Community Policing fejn dawn talbu jekk hemmx xi filmati permezz tas-CCTV cameras. Il-Kunsill għandu problema peress li l-wiring ta' dan il-ġnien ġew diterjorati u ilu żmien twil iffittex kwotazzjonijiet mingħand electricians biex jingħataw stima għal dan ix-xogħol u għalhekk dawn ma jaħdmux. Għalhekk il-Kunsill informa lill-Community Policing li fil-viċinanza hemm is-CCTV's tal-kumpanija GreenPak mall-iBins. Il-Pulizija talbet għal dan il-footage lill-Kumpanija u l-Kumpanija refferit lill-Kumpanija LESA li timmoniterja dawn il-bins. Pero meta ntbgħatet l-imejl tal-LESA qalu li ma rċevew xejn u għalhekk dan il-footage ġie over written peress li għaddew aktar minn 10 t'ijiem. Il-Pulizija kienu għadhom għaddejjin bl-investigazzjonijiet biss sa issa għadu ma rriżulta xejn. Il-Kunsill minnufih talab biex jitneħa l-periklu li jista jkun hemm. Il-Kunsill iddeċieda li dawn jiġu mibdula. Il-Kunsill kien diġa talab kwotazzjonijiet għal wiring ġdid biss dawn ma waslu qatt biex is-CCTV's ikunu jistgħu jerġgħu jiffunzjonaw.

43.3.5 Is-Sindku nforma lill-Kunsill li nhar it-Tlieta 26 ta' Lulju w il-Ħamis 25 ta' Awwissu 2022 saru laqgħat mall-Community Policing fejn ġew diskussi l-indafa mill-kuntratturi tal-kostruzzjoni li jgħamlu l-permessi tal-krejns etc. f'ċertu żoni fejn is-Sindku qal li ta ordni biex ma jinħarġux permessi qabel ma jsir tindif sew fit-triq, vetturi abbandunati, il-ħsara li saret fil-Ġnien tal-Bidwi, il-laqgħa li saret minn Forensic Drug Squad liż-Żgħażagħ fil-jiem tal-festa.

43.3.6 Fis-1.52 p.m. il-Viċi Sindku daħlet għal din il-laqgħa.

43.3.7 Is-Sindku fakkar u nforma lill-Kunsill li s-Superjur tal-MUSEUM kien kiteb u talab biex tiġi mnaddfa u tinħasel it-triq faċċata tal-MUSEUM fejn fix-xahar ta' Settembru ser isiru laqgħat Sajda mużewmina bejn id-19 u 23 ta' Settembru 2022 fis-7.30 p.m. Il-Kunsill qabel li titnaddaf u tinħasel din it-triq peress li bħalissa għaddejin ħafna xogħolijiet ta' kostruzzjoni.

43.3.8 Is-Sindku fakkar lill-Kunsill li kien applika minn Mizura 4.3 fondi ewropej biex Triq id-Daħla taċ-Ċnus tiġi asfaltata. Il-Managing Authoirty infurmat lill-Kunsill li din l-applikazzjoni ma kkwalifikatx għal dawn il-fondi minn din il-miżura. Is-Sindku qal li din it-triq fiha diversi ħofor u l-Kunsill għandu jara x'jista jsir. Il-Kunsill qabel ma dan.

43.3.9 Is-Sindku nforma lill-Kunsill li reġa kiteb u nforma lill-Kumpanija GreenPak, il-Kuntrattur li kien qed jipprovdi boroż ħodor għal użu ta' ġbir tal-iskart li jiġi reċiklat u li dawn infurmawna li dawn ma jistgħux jipprovduhom minħabba raġunjiet u diffikulta ta' loġistika. Is-Sindku qal li l-Assoċjazzjoni tal-Kunsill Lokali ukoll għamlet l-intervent tagħha. Il-Kunsill għandu jieħu parir dwar dan.

43.3.10 Is-Sindku nforma lill-Kunsill li rċevejna mingħand il-Marigold Foundation dwar The Pink October Movember ’22 Campaign biex il-Kunsill jipparteċipa u jorganizza attivitajiet dwar din il-kampanja. Il-Kunsill ddeċieda li jixgħel il-Kalkara tal-Ġir bħas-snin preċedenti.

43.3.11 Is-Sindku qal li dwar il-Kalkara tal-Ġir hemm xi ħsarat ta xi ġebel li jistgħu ikunu ta’ periklu. Il-Perit ukoll kellu jipprepara l-ispecification għal ħruġ tal-offerta għar-restawr ta’ din il-Kalakara tal-Ġir b’fondi mill-LESA.

43.3.12 Is-Sindku nforma lill-Kunsill li mill-applikazzjoni tal-ġemellaġġ li kien applika lura fis-sena 2020 u li dan twettaq f’April ta’ din is-sena minħabba l-pandemija, l-Kunsill ibbenefika s-somma ta’ €7560 minn fondi ewropej.

43.3.13 Is-Sindku nforma lill-Kunsill li l-Kumpanija tal-CWSEF qed titlob il-performance appraisal minn Jannar sa Ġunju għal kull impjegat li għandha assenjat/a. Is-Sindku qal li dan għandu jimtela mis-Segretarju Eżekuttiv.

43.3.14 Is-Sindku nforma lill-Kunsill li Transport Malta bgħatet li persuna applikat għal 1.5 Keep Clear/Reserved Parking Bay fi Triq Dun Xand Aquilina. Is-Sindku qal li f’din it-triq diġa tinsab disabled parking bay. Wara li l-Kunsill iddiskuta dan, qabel dan isir.

43.3.15 Is-Sindku nforma lill-Kunsill li 9 seater Citroen Van eletronika waslet u l-Kunsill għandu l-obbligu li dan il-van jiġi rreġistrat ma’ Transport Malta, biex isir dan din trid tkun inxurjata, għalhekk il-Kunsill ġabar kwotazzjonijiet mingħand diversi aġenziji tal-assikurazzjoni. Il-Kunsill għażel l-irħas offerta u li din tkun fully comprehensive dan peress li se tkun qed isservi lill-komunita’. Is-Sindku qal li ma din il-van, li għandhom jiġu nstallati fuqha l-logos tal-Kunsill u l-logo tal-Ministeru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u Gvern Lokali minn fejn inġabu l-fondi, għal dan il-għan ukoll inġabru l-kwotazzjonijiet. Il-Kunsill għażel l-aktar waħda vantaġġjuża. Il-Kunsill kien talab kwotazzjoni għal art work għal fuq din il-vettura. Il-Kunsill għażel l-irħas waħda. Is-Sindku qal li l-Kunsill Lokali għandu jistieden lis-Segretarju Parlamentari, l-Onor. Alison Zerafa Civelli biex din tiġi nawgurata kif ukoll lill-Arċipriet tal-Parroċċa biex din titbierek. Il-Kunsill għandu jara meta dan jista jsir. Is-Sindku qal li din se tkun ta’ servizz għal komunita’. Il-Kunsill qabel ma dan.

43.3.16 Is-Sindku qal li l-Kunsill ġie mitlub mill-coordinator ta’ Skolasajf Ta’ Sannat biex issir sezzjoni waħda ta’ keep fit session għall-istudenti li jattendu. Il-Kunsill qabel li għandu jħallas għal dan il-għan.

43.3.17 Is-Sindku qal li s-Segretarju Eżekuttiv talab li se jakkumula 60 siegħa Vacation Leave minn din is-sena 2022 għas-sena id-dieħla 2023. Dan qed isir peress li hu irid jinforma b’dan lid-DLG biex jiġi approvat ukoll mid-DG. Il-Kunsill qabel ma din it-talba.

43.3.18 Is-Sindku nforma lill-Kunsill li rċieva l-kontijiet tal-proġett tar-restawr tal-ħitan tas-sejjieħ minn Miżura 4 fondi ewropej mill-kuntrattur li għamel dan ix-xogħol fi Triq tal-Gruwa u Triq Saguna (Triq ta’ Bebunaq) u li dan ġie ċċertifikat mill-Perit biex dawn jitħallsu kemm l-kuntrattur u anke l-Perit. Is-Segretarju Eżekuttiv nforma lill-Kunsill li fil-kont bankarju tal-Bank Ċentrali ta’ Malta fejn hemm apposta dawn il-fondi ma kienx hemm l-ammont tal-kontijiet peress li f’dan il-kont tpoġġew biss 50% tal-ftehim tal-għotja u għalhekk il-Kunsill kellu jiddeposita id-differenza ta’ €11550 biex ikun jista jsir l-ħlas. Il-Kunsill qabel li dawn jitħallsu. Is-Sindku qal li kien hemm xi diskripanza fuq xi kejl, il-Kunsill għandu jara dan.

43.3.19 Is-Sindku qal li l-impjegat assenjat mall-Kunsill fir-reception talab li jiġi nstallat air-conditioner minħabba s-sħana tremenda li jkun hemm. Hu qal li l-fan ma jservi għal xejn għax idawwar arja sħuna. Il-Kunsill qabel li jintalbu kwotazzjonijiet biex ikun jista jsir dan.

43.3.20 Is-Sindku qal li s-Segretarju Eżekuttiv bgħat permezz tal-imjel ir-rapport ta' kull kwart minn Jannar sa Ġunju 2022. Il-Kunsill qabel ma dan ir-rapport.

## 43.4 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri

43.4.1 Is-Sindku staqsa lill-Kunsillieri preżenti jekk kellhomx xi mistoqsijiet, suġġerimenti jew proposti.

43.4.2 Il-Kunsillier Gauci talab jekk jistgħax isir Bus Stop fi Triq Cocco Palmieri. Il-Kunsill qabel li għandu jitkellem ma Transport Malta biex jara x'inhi l-possibilta'.

43.4.3 Is-Sindku fakkar li l-Kunsill għandu jixtri l-biljetti tal-ajru għal Italja għar-rebbieħ tal-kompetizzjoni tal-inbid waqt l-attivita' li saret ta' Est! Est!! Est!!! Wine Festival biex iżur Montefiascone. Il-Kunsill qabel ma dan.

## 43.5 Komunikazzjoni

43.5.1 Is-Segretarju Eżekuttiv fakkar lill-Kunsill b'Ċirkulari mibgħuta mid-DLG u li dawn ġew iċċirkulati lill-Kunsillieri permezz tal-imejl dwar:
Ċirkulari Numru 7/2022 – Emendi fl-Ordni dwar Stemmi tal-Kumitati Reġjonali u Emendi fil-Regolamenti dwar Proċeduri għall-Gvern Lokali
Ċirkulari Numru *SPI*/SCI/09/2022 – Finanzjament ta' Proġetti Kapitali – Komunitajiet isbaħ u aktar b'saħħithom

43.5.2 Is-Segretarju Eżekuttiv fakkar lill-Kunsill biċ-Ċirkularijiet mibgħuta mill-Assoċjazzjoni Kunsilli Lokali u li dawn ġew iċċirkulati lill-Kunsillieri permezz tal-imejl. Dawn huma:
19 ta' Lulju 2022 – Cir AKL 2022/073 – Kors ta' taħriġ – Evalwazzjoni ta' Sejħiet Pubbliċi 17/09/2022
21 ta' Lulju 2022 – Cir AKL 2022/074 – Invite – Blue Heart Campaign
25 ta' Lulju 2022 – Cir AKL 2022/075 – STC Higher Education – University of Wolverhampton
29 ta' Lulju 2022 – Cir AKL 2022/076 – Launch of EUROPEANMOBILITYWEEK 2022 – Competitions
05 ta' Awwissu 2022 – Cir AKL 2022/077 – Festi/ inizjattivi organizzati mill-Kunsill Lokali/ Reġjonali
08 ta' Awwissu 2022 – Cir AKL 2022/078 – Attivitajiet organizzati mill-AKL bejn Settembru u Diċembru 2022
11 ta' Awwissu 2022 – Cir AKL 2022/079 – DOI – Press Release (PR221060)
18 ta' Awwissu 2022 – Cir AKL 2022/080 – SEM – Invitation to local government representatives
18 ta' Awwissu 2022 – Cir AKL 2022/081 – 4th OPIN Community – Webinar on how to use OPIN.ME and its Tool Box to engage young people in decision making
27 ta' Awwissu 2022 – Cir AKL 2022/082 – List of Schools and Shepherding consolidated list as @06.09.2021

27 ta' Awwissu 2022 – Cir AKL 2022/83 – Taħriġ Finanzjarju għall-Membri Eletti, Segretarju Eżekuttivi u Ħaddiema - Bookkeeping Training. Il-Kunsill qabel li jattendi s-Segretarju Eżekuttiv.
27 ta' Awwissu 2022 – Cir AKL 2022/84 – Masters fil-Govenanza u Immaniġjar (MQF 7)

43.5.3 Is-Segretarju Eżekuttiv fakkar lill-Kunsill bl-imejls mibgħuta mir-Reġjun Għawdex u li dawn ġew iċċirkulati lill-Kunsillieri permezz tal-imejl. Din kienet dwar:
20 ta' Lulju 2022 – ATTN: Invitation to Business Seminar: Creating added value for businesses and NGO's through digitalisation by the Gozo Business Chamber
10 ta' Awwissu 2022 – ATTN: REMINDER – ĊIRKULARI NUMRU SPI/SCI/7/2022 – Espressjoni ta' Interess – World Cleanup The World Campaign 2022
11 ta' Awwissu 2022 – ATTN: Skema għall-Kunsilli Lokali għal-Lokalitajiet Sostenibbli 2022 – Deadline: Il-Ġimgħa, 23 ta'Settembru 2022
Ir-Reġjun Għawdex bagħat invit għall-Laqgħa Nru 110 li ser ssir nhar il-Ġimgħa 9 ta' Settembru fis-6.30 pm ġewwa l-Kunsill Lokali tal-Qala

## 43.6 Hruġ ta' offerti ġodda

43.6.1 Is-Sindku nforma lill-Kunsill li l-Kunsill ħareġ u se joħroġ sejħa għal offerti:
SNTLC 03/2022 Offerta ta' Servizz għall-knis u tindif ta' toroq urbani b'vetturi ta' emissjoni baxxa.
SNTLC 04/2022 Offerta għar-restawr tal-Kalkara tal-Ġir.
SNTLC 05/2022 Offerta għal qlugħ u tħawwil tas-siġar tal-Oleander fi Pjazza Santa Margerita.

43.6.2 Is-Sindku ssuġġerrixxa li toħroġ sejħa għal-offerti għal servizz ta' kostruzzjoni ta' pavimentar. Il-Kunsill qabel ma dan.

## 43.7 Attivitajiet Settembru – Diċembru 2022

43.7.1 Is-Sindku qal li l-Kunsill għandu jerġa jibda jinvolvi r-residenti f'attivitajiet imtella' mill-Kunsill Lokali. Għalhekk nhar l-Erbgħa 14 ta' Settembru 2022, fis-6.30 p.m. se tiġi organizzata ħarġa bit-train. It-tluq se jkun minn Pjazza Santa Margerita.

43.7.2 Is-Sindku qal li qed jissuġġerixxi biex fix-xahar ta' Settembru isiru bands nhar s-Sibt 10 u s-Sibt 17 fi Pjazza Santa Margerita quddiem il-klabs u r-restaurant. Il-Kunsil għandu jara x'bands jista jsib għal dawn il-ġranet biex ikun hemm atmosfera isbaħ fil-pjazza.

43.7.3 Is-Sindku qed jissuġġerixxi biex fix-xahar ta' Settembru isir Għana Fest din id-darba bil-kollaborazzjoni tal-Għaqda Drammatika Sannat.

43.7.4 Is-Sindku qal li bħal ma ddiskuta f'laqgħat preċdenti għandha ssir t-tifkira tat-80 sena mit-traġedja tal-10 ta' Ottubru 1942. Il-Kunsill xtaq ħafna li jsir monument kommemorattiv biss l-ispejjes għal dan huma ferm kbar. Għal dan il-għan il-Kunsill għandu jara kif jgħati dehra aħjar fejn hemm il-lapida tal-vittmi fi Triq il-Kbira mill-fondi li l-Kunsill kien ibbenefika mir-Reġjun Għawdex. Għandu jsir kunċert għal dan il-għan bis-sehem tas-Soċjeta' Mużikali Santa Margerita, nhar il-Ħadd 9 ta' Ottubru 2022 u t-Tnejn 10 ta' Ottubru 2022 issir attivita lit-tfal tal-iskola primarja fejn għadna nistiedu lis-Sur Charles Bezzina li hu storiku fuq żmien il-gwerra biex jghamel diskors dwar din it-tifkira kemm dakinhar u lejliet. Il-Kunsillier Bajada ssuġġerixxa li jingħata salut ta' tifkira f'egħluq it-80 sena. Il-Kunsill qabel ma dan.

43.7.5 Is-Sindku qed jissuġġerixxi biex fix-xahar ta' Ottubru jsir Beer Festival, il-Kunsill għandu jsib data għal din l-attivita' fejn jinvolvi l-NGO's tal-lokalita' biex din l-attivita tkun ta' suċċess bħal dik tal-Wine Festival. Il-Kunsill għandu jiltaqa mall-għaqdiet biex tkun tista tittella' din l-attivita'. Il-Kunsill qabel ma dan.

43.7.6 Is-Sindku qal li bħal ma kien isir fi snin preċedenti qabel faqqgħet il-pandemija tal-Covid-19 il-Kunsill fix-xahar ta' Novembru kien jorganizza l-World Children's Day. Is-Segretarju Eżekuttiv qal li din is-sena se taħbat nhar il-Ħadd 20 ta' Novembru 2022. Is-Sindku qal li wieħed għandu jara fejn din tista ssir peress li Pjazza Santa Margerita tinsab maqlugħa minħabba l-proġett. Il-Kunsill qabel ma dan.

43.7.7 Is-Sindku qal li ovvjament f'Diċembru ikun hemm l-attivitajiet tal-Milied. Il-Kunsill għandu japplika minn skema Espressjoni ta' Interess – Finanzjament Milied 2022 skond Ċirkulari Nru. SPI/SCI/08/2022 maħruġa mid-Direttorat għall-Gvern Lokali, Strateġija u Implimentazzjoni ta' Policy. Is-Sindku qal li l-Kunsill għandu jinġbor kwotazzjonijiet għat-tiżjin tad-dawl dekorattivi tal-Milied u tal-ewwel tas-sena għal Triq Sannat u forsi fi Pjazza Santa Margerita skond ix-xogħolijiet. Il-Kunsill għandu jitlob lill-Ministeru għal Għawdex biex fid-daħla tal-lokalita' jitpoġġew dekorazzjonijiet sbieħ u oriġinali bħal dawk li jafu jgħamlu l-ħaddiema u l-artisti tal-Ministeru għal Għawdex bħal dawk tal-belt Victoria u f'roundabouts u nħawi prominenti madwar Għawdex biex b'hekk inkomplu nsebħu aktar lill-Għawdex tagħna f'dawn il-jiem ta' festi u Ta' Sannat ikompli jilqa lil kull min iżurna b'dawn id-dekorazzjonijiet ferm sbieħ.

## 43.8 Ilmenti u Suġġerimenti

43.9.1 B'referenza għall-ilment numru 26/2022, resdient li joqgħod fi Triq Bardan talab li jinqata' l-ħaxix ħażin f'din it-triq. Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-Kunsill li dan ix-xogħol sar mill-ħaddiema assenjati mall-Kunsill.

43.9.2 Is-Sindku qal li fi triq ta' fuq Triq Mġarr ix-Xini hemm ħafna ħaxix u li dan għandu jinqata'. Il-Kunsill għandu jgħamel dan bil-ħaddiema assenjati mall-Kunsill.

43.9.3 Il-Kunsillier Gauci ġibed l-attenzjoni li fi Triq Mġarr ix-Xini għad fadal it-terrapien mix-xogħolijiet li kienu saru fuq il-ħitan tas-sejjieħ mill-MGOZ. Il-Kunsill qabel li għandu jinforma b'dan lill-MGOZ.

43.9.4 Il-Kunsill irċieva imjel mingħand residenta li toqgħod fi Triq Paranji fejn ilmentat bl-istat ħażin li tinstab fih din it-triq. Hija ilmentat ukoll rigward ħofra li hemm quddiem l-isqaq. Is-Sindku qal li l-Kunsill kien ħareġ offerta għal General Asphalting works with Hot rolled asphalt meta l-Kunsill qed jistenna biex meta jkun hemm fondi apposta għal dan ix-xogħol dan isir.

43.9.5 Il-Kunsill irċieva imejl mingħand residenta li toqgħod fi Triq il-Pinnur fejn ilmentat, li meta l-kuntrattur tal-ġbir ta' skart kien qed jiġbor l-iskart tqattew xi boroz u huwa baqa sejjer mingħajr ma naddaf warajh. Hija qalet li din ma kinitx l-ewwel darba li ġara dan. Is-Segretarju Eżekuttiv qal li l-uffiċċju ġibed l-attenzjoni lill-Kuntrattur biex dan ma jsirx.

43.9.6 B' referenza għall-ilment numru 27/2022 u diversi ilmenti mingħand residenti li joqgħodu fi Triq il-Kbira fejn talbu li jsiru double yellow lines fi din it-triq, dan peress li qed ikun hemm kongezzjoni kbira ta' traffiku speċjalment biex tgħaddi l-karozza tal-linja. Is-Segretarju Eżekuttiv ġibed l-attenzjoni li dwar dan intervjeniet Transport Malta biex il-Kunsill jieħu

posizzjoni dwar dan. Il-Kunsill qabel li dawn id-double yellow lines isiru mill-aktar fis peress li hi neċessita.

43.9.7 Il-Kunsill irċieva diversi ilmenti mingħand residenti li joqgħodu fi Triq Ħarruba fejn talbu li tinżabar is-siġra fi Triq Marsilja. Is-Segretarju Eżekuttiv qal li dwar dan il-Kunsill irid japplika mall-ERA biex ikun jista jsir dan. Il-Kunsill qabel ma dan u għandu jitlob l-għajnuna tal-ħaddiema tal-Agrikultura fi ħdan il-MGOZ.

43.9.8 B'referenza għall-ilment numru 28/2022, resident li joqgħod ġo sqaq fi Triq Dun Luqa talab li ssir din it-triq dan sabiex jitnaqqas it-trab fl-arja u sabiex ikun hemm l-area tal-madwar aktar nadifa. Il-Kunsill qabel li għandu jara jekk dan l-isqaq hux privat.

43.9.10 B'referenza għall-ilment numru 29/2022, residenta talbet li ssir l-bankina mal-propjeta tagħha fi Triq Santa Marija kantuniera ma Triq Ta' Ċenċ. Is-Segretarju Eżekuttiv informahom li din it-talba intbagħtet lil MGOZ bis-sistema tal-*Works Request System.*

43.9.11 B'referenza għall-ilment numru 30/2022, residenta talbet li jsir dog bin fi Triq tal-Gruwa. Il-Kunsill qabel li dan isir jekk ma hemmx.

43.9.12 B'referenza għall-ilment numru 31/2022, resident li joqgħod fi Triq Pisoniano talab li tittranġa din it-triq peress li hija fi stat diżastruż speċjalment meta jkun hemm Triq l-10 ta' Ottubru magħluqa u traffiku jkollu jgħaddi minn Triq Pisoniano bil-karozzi pparkjati. Is-Sindku qal li din it-talba qed tirreferi għal Triq Gerxija, din qed titalab lill-MGOZ biex tingħata wiċċ ġdid.

43.9.13 Il-Kunsill irċieva imejl mingħand residenta li tmexxi *clean-up group,* fejn se torganizza *clean-up event* Ta' Ċenċ fl-16 ta' Settembru 2022 u qed tissuġerixxi li jiġu nstallati bins f'din iż-żona. Is-Segretarju Eżekuttiv qal li din l-area hija art privata u għalhekk ma jistgħux jiġu nstallati bins.

43.9.14 Is-Segretajru Eżekuttiv informahom li ġiet ordnata stop sign biex titwaħħal fi Triq il-Blat kantuniera ma' Triq 28 ta' April 1688, dan peress li din bħalissa qed tiġi ffrekwentata ħafna. Dwar dan kien hemm qbil mill-Kunsill. Is-Sindku qal li dwar dan l-ilement kien intalab lil Transport Malta biex isiru stop signs fl-art.

43.9.15 Residenti ilmentaw sabiex tinbidel mera miksura fi Triq l-10 ta' Ottubru 1942. Is-Segretarju Eżekuttiv informahom li din se tiġi ordnata.

43.9.16 Il-Kunsill irċieva imejl mingħand il-perit tal-iżvilupatur fejn dan għandu binja li għandha żewġ faċċati waħda fi Triq Dun Luqa u l-oħra fi Triq id-Daħla taċ-Ċnus, fejn il-faċċata ta din il-binja tinsab fi Triq Dun Luqa u talab traffic management permezz tal-pjanti li bgħat. Il-Kunsill għandu jitlob lill-Perit biex tiġi emendata din il-pjanta u l-Kunsill qabel li għandu jmexxi ma Transport Malta.

43.9.17 Residenta li toqgħod fi Triq Marsilija kantuniera ma' Triq Xabbata qed terġa titlob li ssir bankina quddiem ir-residenza tagħha, dan peress li qed isibuha ta' problema biex jidħlu u joħorġu min darhom meta jkun hemm il-karozzi ipparkjati ezatt mal-bieb ta' barra. Hija qalet li dan huwa ta' periklu u anka jekk ikollhom bżonn ambulanza dawn ma jkunux jistgħu jidħlu ġod-dar tagħhom. Il-Kunsill qabel li din it-talba tal-bankina tintalab bis-sistema tal-Works Request System tal-MGOZ.

43.9.18 B'referenza għall-ilment numru 32/2022, residenta b'konessjoni mal-ilment numru 51/2021 fejn hija kienet talbet li ssir il-bankina, qed titlob li la l-bankina se ssir parti mal-proġett ta' Triq Xagħman biex temporanjament jimtlew l-ħofor bis-siment minħabba li fix-xitwa jimtlew b'ħafna ilma u ma jkunx jistgħu jidħlu fil-propjeta. Il-Kunsill qabel li din timtela bi ftit siment.

43.9.19 B'referenza għall-ilment numru 33/2022, persuna issuġġeriet li fi Triq Skerla fejn il-parti li tidjieq tiġi mwaħħla tabella slow dan peress li ra żewġ incidenti u forsi jiġu evitati aktar incidenti. Il-Kunsill qabel li din it-tabella tiġi nstallata.

43.9.20 Il-Kunsill irċieva imejl mingħand resident li joqgħod fi Triq l-20 ta' Lulju fejn talab li titwaħħal mera biex ir-residenti jkunu jistgħu joħorġu minn Triq l-20 ta' Lulju għal ġo Triq il-Kbira mingħajr periklu. Il-Kunsill qabel li din tiġi nstallata jekk dan jipermenti.

43.9.21 Is-Segretarju Eżekuttiv ġibed l-attenzzjoni li qed jiġi nnotat u freqwentament qed issir parkeġġ fuq in-naħa l-oħra ta' Triq Sannat fejn mhux previst li jsir parkeġġ u li dan xorta qed isir. Dan l-aħħar trailer mill-kbar inkluż tal-linja mhux qed ikunu jistgħu jidħlu minn Triq 28 ta' April minħabba dan il-parkeġġ. Għalhekk tinħass il-ħtieġa li jsiru *no waiting signs* peress li meta ġie l-pulizija ma setgħax jintervjeni peress li ma kienx hemm tabelli u sinjali tat-traffiku. Il-Kunsill qal li tul it-triq kollha hemm double white line u għalhekk mhux suppost qed isir parkeġġ u jekk hemmx bżonn isir refreshment biż-żebgħa.

43.9.22 Il-Kunsill irċieva diversi ilmenti mingħand residenti rigward patching fi Triq il-Kbira. Il-Kunsill qabel li dan għandu jsir.

43.9.22 Il-Kunsill irċieva imejl dwar l-skart domestiku li mhux qed joħroġ fil-ħin u l-ġurnata tal-ġbir tiegħu b'detriment għal residenti oħrajn fi Triq Qortina. Qed jintalab li titwaħħal tabella bil-ħinijiet u l-ġranet tal-ġbir. Il-Kunsill qal li l-isfel f'dawn it-toroq hemm tabella bil-ġranet tal-ġbir tal-iskart domestiku.

43.9.23 Persuna qed titlob biex fi Triq ix-Xewkija tiġi nstallata mera peress li qed tkun diffiċli meta jiġi biex joħroġ mill-għalqa tiegħu f'din it-triq. Il-Kunsill qabel li din tiġi nstallata.

43.9.24 Is-Segretarju Eżekuttiv ġibed l-attenzjoni li fi Triq it-28 ta' April 1688 hemm żewġ dust bins miksura u li dawn iridu jinbidlu.

43.9.25 Resident bgħat imejl dwar permess li ħareġ nhar il-Ġimgħa 27 ta' Awwissu fi Triq Dun Luqa fejn tħallew żjut mill-makkinarju fit-triq. Is-Segretraju Eżekuttiv nforma lill-Kunsill li dan ġie rrappurtat lill-Community Policing.

43.9.26 Residenta bgħatet imejl fejn qed tilmenta li fi Triq Skerla qed isir rimi ta' skart ta' kostruzzjoni f'din it-triq apparti li mhux qed jitla kennies. Is-Segretarju Eżekuttiv qal li tkellem mall-kuntratturi.

## 43.9 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti 8/2022

43.9.1 Is-Segretarju Eżekuttiv ressaq l-iskeda ta' pagamenti Nru. 8/2022 li kienet intbgħatet permezz ta' imejl biex dawn il-kontijiet jiġu approvati mill-Kunsill. Hu qal li dawn il-pagamenti għandhom jitħallsu bis-sistema tal-Internet Banking. Din l-iskeda ġiet ipproponuta mill-Kunsillier Tewma u ssekondata mill-Kunsillier Gauci. L-iskeda kif ippreżentata ġiet moqrija w aċċettata mill-Kunsill. Kopja ta' din l-iskeda approvata qed tinhemez ma dawn il-minuti ta' din il-laqgħa.

## 43.10 Tmiem tal-Laqgħa u data tas-seduta tal-laqgħa li jmiss

43.10.1 Il-laqgħa ntemmet fl-4.10 p.m. u ġiet aġġornata għal nhar it-Tnejn 26 ta' Settembru 2022, fis-1.30 p.m.

Konfermati, illum 26 ta' Settembru, 2022

(iffirmata)

Philip Vella
Sindku

(iffirmata)

Jason Curmi
Segretarju Eżekuttiv